# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 228 – Il-Hamis, 3 ta' Diċembru, 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6:00p.m.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila
Il-Kunsillier is-Sur Joseph Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 227i u 227ii ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier is-sur Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI NRU 227i u 227ii

## 2.1 Stima ta' Xogħlijiet fi Triq Dr Nikola Zammit u Triq Dun Manwel Zammit

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istima tal-perit għal dik li tirrigwardja Triq Dun Manwel Zammit tammonta għal €5,500. Is-Sindku qal li din għandha tkun diskussa meta jkunu diskussi l-estimi finanzjarji tal-2011.

Rigward il-każ ta' Triq Dr Nikola Zammit, is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit mar fuq il-post u fl-opinjoni tiegħu ma jirriżultax li fil-post indikat joqgħod xi ilma.

## 2.2 *Roundabout* fi Triq Santa Margerita/ Triq Papa Pawlu VI

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien iltaqa' mal-Perit dwar din il-materja u dan min-naħa tiegħu kellu jlesti l-pjanti u l-applikazzjoni neċessarja.

## 2.3 Attività tal-Milied

Il-Viċi-Sindku qal li din l-attività kellha titħassar minħabba li diversi persuni fis-sotto-kumitat ma setgħux ikomplu bil-ħidma tagħhom. Madankollu, is-siġra tal-Milied li kellha se ssir xorta waħda fil-pjazza.

## 2.4 Il-festa tal-Majjal

Il-Kunsillier Joe Sammut qal li wara laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu ma' rappreżentant tal-Għaqda tal-Prodotturi tal-Majjal, u rappreżentant tal-Ministeru tal-Biedja, kien iċċarat li l-Kunsill kien mitlub li jkun involut biss fl-arranġamenti tat-traffiku. Dan dejjem jekk ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill għall-organizzazzjoni ta' din l-attività.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill m'għandu jkollu l-ebda oġġezzjoni għal din l-attività. Il-Kunsillier is-sur Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3. FINANZI

## 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.
Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt jiġu approvati kif inhuma.
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

## 3.2 Rapport tal-Awditur

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien wasal ir-rapport tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali dwar il-Kunsill. Is-Sindku stieden lis-Segretarju biex jaqra l-parti li tikkonċerna l-Kunsill Lokali Siġġiewi.

"Income from LES was not always deposited in the bank account specifically created for contravention deposits but in the Council's Saving Account. Moreover, reconciliation in respect of LES Income was not being prepared. The Council does not prepare a 'bank deposit sheet' which identifies income actually deposited into the bank, as required by the applicable procedures. Consequently, testing on income from LES, as well as that received under General Income, was very limited. In fact, LGA was unable to determine whether such income was deposited intact and on a regular basis.

"The Council is effectively part of the Central Joint Committee and such reporting is conducted by the same organization. Hence the Council is not able to reconcile all Income and Receivables under this system.

"On request, the Council distributes mobile top-up cards to its members, as reimbursement of mobile call expenditure that is deemed to have been incurred in the performance of Council-related duties. No reimbursement claim forms are being filled by the person receiving the reimbursement. Furthermore, the Council provides the Mayor and the Executive Secretary with a fixed mobile plan, paid entirely by the Council.

"This procedure has been immediately rectified and all reimbursements to the Mayor and Councillor's have been stopped to reflect the direction coming from the DLG.

"The Council is not recognizing LES Payables representing paid contraventions where the place of incident is not Siggiewi, and which have not been remitted to the respective Local Councils by the end of the year. Failure to recognize such amounts is not giving a clear picture of the amounts awed by the Council as at 31st December 2009.

"Unrecorded transactions in both the payables list and Nominal Ledger resulted in an unreconciled net difference of € 9,335.

*"The Council cannot understand how LGA arrived to this difference since from its record, the balance of payables within the Trial Balance amounts to €128,412 and the balance within the aged payables reports for the same period give the same balance.*

"The Council did not provide any disclosures for its capital commitments in the Financial Statements, which are anticipated to include €115,000 relating to Road Resurfacing and €100,000 to Improvements to Property.

"The Council did not submit a reply.

"A significant expenditure of €4,361 per annum is being incurred by the Council to finance a Health Insurance Scheme for six members of the Council, the Executive Secretary and two clerks.

*"The Council has been following the procedure for nearly ten years and was never informed that it was breaking any rules or procedures.*

"The Council issued a call for tenders for maintenance and construction of pavements. The tender was awarded to a contractor who had already carried out works for the Council, on the basis that this offer was the second cheapest and the quality of work had always been satisfactory. Furthermore, the performance bond as specifically requested by the applicable rules has not been extended. LGA recommended that the Council should terminate the contract with the supplier so that it complies with the relevant Local Councils procedures.

*"This particular contractor was advised several times, both verbally and in writing, and following his non-compliance, the Council terminated the contract and issued another tender, weeks before the publication of the Auditor's Report."*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kummenti ta' dan ir-rapport l-aktar l-aktar li jikkonċernaw huwa l-ħlasijiet tal-*Local Enforcement System*, hu kif jgħid l-istess rapport ma jitħaddmux mill-Kunsill imma mill-Kumitat Konġunt, u għal din ir-raġun ma nistgħux, kif inhi s-sistema preżenti nirrikonċiljaw kull *Income and Receivables.*

Il-kumment li l-Kunsill ma pprovdiex *"any disclosures for its capital commitments"* tirrigwardja nota li nqabżet bi żvista mill-*Financial Statements.*

Rigward il-kwistjoni tal-assikurazzjoni, il-Kunsill qed jimxi preċiżament mar-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali (Leġislazzjoni Sussidjarja 363.01) f'paragrafu 35 (5) li jgħid: "Il-membri tal-Kunsill jistgħu ikunu assigurati fi skema tas-saħħa sakemm dak il-Kunsill ikollu bilanċ pożittiv fil-kontijiet tiegħu jew dik l-iskema ma tirrendix il-kontijiet tal-Kunsill fi żbilanċ."

# 4. KORRISPONDENZA

## 4.1 Talba għal *Reserved Parking*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Ms Maria Yvonne Naudi ta' 508, "Country View", Triq Mons. Mikiel Azzopardi, għamlet talba ma' Transport Malta għal *reserved parking* minħabba diżabilità. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill m'għandu jsib l-ebda oġġezzjoni.

Il-Kunsillier Dr Mark A Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.2 Proposta mill-Professur Joseph Falzon

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva korrispondenza mingħand Profs. Joseph Falzon dwar proposta ta' twaqqif ta' Fondazjzoni biex tgħin tiffinanzja dart al-Anzjani u persuni b'diżabiltà.

Is-Sindku qal li għandna nistiednu lill-Profs. Falzon biex jiġi fis-seduta li jmiss u jispjega din il-proposta.

## 5. KUNTRATTI

### 5.1 *Street Sweeping LCS 39/09*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li kienet wasslet biex tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt.
Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippropona li għandu jiġġeded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsilliera is-sinjura Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.2 *Supervisor of Works LCS 49/09*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li kienet wasslet biex tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt.
Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippropona li għandu jiġġeded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier is-sur Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.3 *Supply of Concrete LCS 48/09*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li kienet wasslet biex tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt.
Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippropona li għandu jiġġeded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier s-sur Joe Sammut issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6. HWEJJEĠ OHRA

### 6.1 Talba għal *resurfacing* bil-konkos ta' Sqaq fi Triq Lawrenti

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet saret talba mis-sur Emanuel Aquilina biex l-imsemmi sqaq jingħata mit-tarmac. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istima tal-materjal biss tlaħħaq €1,700. Is-Sindku qal li din it-talba għandha tkun diskussa meta jkunu diskussi l-estimi finanzjarji 2011.

### 6.2 Ostaklu fuq bankina fi Triq l-Imwieġel

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li kien avviċinat minn persuna fi Triq l-Imwieġel dwar rapport ta' ostaklu fuq il-bankina. Il-Viċi-Sindku qal li f'dan il-każ għandha ssir talba lill-Enemalta biex jitneħħa l-arblu.

### 6.3 Sinjali tat-Traffiku fi Triq tal-Imqabba

Il-Kunsillier is-sur Jesmond Tanti qal li f'din it-triq hemm il-ħtieġa li jitwaħħlu tabelli li jindikaw il-limitu tal-veloċità minħabba s-sewqan eċċessiv.

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkomunika ma' Transport Malta.

### 6.4 Ħaddiema tal-kuntratturi

Il-Kunsillier is-sur Jesmond Tanti qal li l-ħaddiema tal-kuntratturi b'mod partikolari dawk tal-kollezzjoni tal-iskart għandhom jilbsu ilbies b'kuluri li jirriflettu u li jkollhom fuqhom il-kliem "Kunsill Lokali Siġġiewi"

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jkellem lill-kuntratturi dwar din il-materja.

### 6.5 Party għat-tfal li tinkludi ħarġa kulturali

Il-Kunsilliera Rita Psaila ipproponiet li jerġa' isir il-party annwali għat-tfal li jkun jinkludi ħarġa kulturali. Id-data proposta hija 30 ta' Diċembru.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 6.6 Rapport dwar il-Ġbir tal-Iskart Imħallat u separat

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda rapport dwar il-ġbir tal-iskart imħallat u separat matul l-aħħar sena.

**Rigward l-iskart riċiklat:**

| | |
|---|---|
| Fl-2009 (qabel ittieħdu diversi miżuri): | 16.5 tunnellata fix-xahar |
| Fl-2010: | 20.5 tunnellata fix-xahar |

Dan ifisser li kien hemm żjieda ta' 24%.
Madankollu biex nilħqu l-mira nazzjonali rridu niġbru 30 tunnellata fix-xahar
Kien hemm żjieda fl-użu tal-*Bring-in-sites* tant li filwaqt li f'Jannar inġabru 2.1 tunnellata, f'Settembru din iċ-ċifra telgħet għal 5.9 tunnellata.

**Rigward l-iskart imħallat:**

| | |
|---|---|
| Preżentament qed jinġabru: | 46 tunnellata fil-ġimgħa, (199 tunnellata fix-xahar) |
| Il-mira għandha tkun: | 43 tunnellata fil-ġimgħa, (190 tunnellata fix-xahar). |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li minkejja li għad baqa' diversi abbużi, jidher li n-nies qed jidraw li t-Tlieta ma joħorġux il-borża s-sewda. Din id-drawwa dieħla anki nhar ta' Ġimgħa.

Jidher ukoll li qed jidħlu anqas rapporti ta' abbużi mill-Bring-in-Sites;

Is-sistema ta' skart goff qed taħdem.

Huwa kompla jgħid li fil-bidu tas-sena d-dieħla se ssir kampanja oħra ta' edukazzjoni bieb bieb u jitqassmu boroż griżi lil kull dar. Dan se jsir mill-GreenMT.

Biex ikompli jikber il-volum ta' skart riċiklat u jonqos dak imħallat, il-GreenMT qed toffri li jitqegħdu aktar *Bring-in-sites portable* li ma jinħtieġux permessi tal-MEPA;

Wasal iż-żmien li nhar ta' Ġimgħa jsir biss il-ġbir tal-borża l-ġriża.

Il-Viċi-Sindku ippropona li jitpoġġa set *portable* ta' *bring-in-sites* fi Triq l-Iskola ħdejn l-entratura tal-Boy Scouts. Ippropona li li nhar ta' Ġimgħa tibda ssir kollezzjoni tal-borża griża waħda. Din il-miżura għandha tiġi fis-seħħ mill-1 ta' Marzu wara li ssir kampanja ta' informazzjoni.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta magħluqa fis-6:30pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar il-Ħamis, 13 ta' Jannar, fis-6:00pm.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

**Il-Perit Robert Musumeci**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum il-Ħamis 13 ta' Jannar 2011**

APPROVAL OF PAYMENTS

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| outing regatta 16/11/10 | | 16.50 |
| lifelong learning health&wellbeing | | 20.00 |
| outing regatta 16/11/10 | | 22.00 |
| outing regatta 16/11/10 | | 38.50 |
| lifelong learning french | | 40.00 |
| lifelong learning health&wellbeing | | 40.00 |
| lifelong learning italian | | 40.00 |
| overpayment demarcation expenses enemalta fee for 2010 | | 41.94 |
| outing regatta 16/11/10 | | 44.00 |
| wsc - trenching permits invoice for oct10 | | 60.58 |
| skips | | 68.07 |
| lifelong learning italian | | 80.00 |
| weekend break 3-5/12/10 | | 102.00 |
| permit cranes 2481-2515 | | 107.18 |
| weekend break 3-5/12/10 | | 120.00 |
| outing regatta 16/11/10 | | 192.48 |
| weekend break 3-5/12/10 | | 281.00 |
| weekend break 3-5/12/10 | | 300.00 |
| access point - pc agreement dec10 inv1483 | 236.00 | |
| akl - laqgha kunsilliera 20/11/10 n.cassar,j.tanti,r.psaila,j.sammut | 200.00 | |
| akl - reimbursement of extra funding les | 8671.81 | |
| allied newspapers - advert laqgha pubblika inv426789 | 86.14 | |
| anthony pace - installation of socket outlets in offices clerks | 110.00 | |
| anthony pace - maintenance/repair public convenience pjazza ladies | 250.00 | |
| anthony vella - lamps for festuni pjazza (milied) inv17 | 700.00 | |
| callus - planting public spaces nov10 | 1452.30 | |
| callus - planting public spaces oct10 | 1452.30 | |
| callus ironmongery - operating materials inv1132 | 343.79 | |
| carini stores - 2 mirrors for pc pjazza inv2092 | 70.80 | |
| cassie camilleri - clerikal works saturdays nov10 16.5hrsx7.2 | 118.80 | |
| central asphalt - cold asphalt for patching inv39006 | 518.73 | |
| cir - nov10 | 1085.50 | |
| cir - nov10 | 199.00 | |
| cir - nov10 | 549.50 | |
| defranco enterprises - seratizzi wine festival po45/10 | 393.64 | |
| defranco enterprises - wood for wine festival po56/10 | 176.29 | |
| doi - tender advert laqgha lokalita | 9.32 | |
| f.caruana - 4 gas heaters inv722 | 372.88 | |
| firm j aquilina - repair/replce polcs flags premises inv19989 | 165.20 | |
| ganaja - concreting works lapsi rd inv6/10 | 944.00 | |
| ganaja - supply of concrete for lapsi rd inv5/10 | 1,051.38 | |
| go - tel bill oct10 21462946 | 23.39 | |
| go - tel bill oct10 21465799/21465805 | 310.98 | |
| go - tel bill oct10 21466000 | 24.88 | |
| go - tel bill oct10 21468874 | 65.21 | |
| go - transfer of networking equipment to new premises inv30323 | 131.99 | |
| grace mizzi - cleaning council premises nov10 44hrsx4.66 | 205.04 | |
| honoraria nov10 | 596.50 | |
| j.gatt - supervisor of works oct10 | 669.33 | |
| john marmara - 5 gas cylinders for heaters | 196.00 | |
| joseph calleja - wirja bil-bhima wirja agrarja gunju 2010 inv53 | 100.00 | |
| josephine mifsud - nuring service influenza vaccine 13hrsx8.50 | 110.50 | |
| kazin banda san nikola - banda wine festival inv486 | 150.00 | |
| kazin banda san nikola - banda/siggijiet mixghela10 inv486 | 300.00 | |
| klikk - digital camera fujifilm 12MP JV150 inv4247 | 137.00 | |

APPROVAL OF PAYMENTS

| | | |
|---|---|---|
| klikk - hp laser jet printer P1102 inv4210 | 145.00 | |
| kumitat kongunt - les oct10 invcjc312 | 548.51 | |
| milord - cleaning non urban nov10 inv242 | 3753.46 | |
| milord - non urban oct10 inv241 | 3780.34 | |
| n.baldacchino - petrol expenses nov10 | 79.00 | |
| nature trust - kullegg san injazju ekoskola 2011 | 12.00 | |
| nexos - lamps icw wirja ta' l-arti ZAK june10 inv8128 ( to pay ZAK) | 90.01 | |
| nicolai gatt - updating of website august-oct10 inv4 | 180.00 | |
| nvc - operating materials inv4187 | 1.95 | |
| nvc - operating materials po102/10 inv4168 | 7.08 | |
| nvc - operating materials po103/10 inv4170 | 1.80 | |
| nvc - operating materials po104/10 inv4171 | 12.07 | |
| nvc - operating materials po106/10 inv4172 | 13.92 | |
| nvc - operating materials po109/10 inv4173 | 94.17 | |
| nvc - operating materials po110/10 inv4174 | 6.05 | |
| nvc - operating materials po112/10 inv4175 | 37.10 | |
| nvc - operating materials po115/10 inv4176 | 84.20 | |
| nvc - operating materials po116/10 inv4177 | 21.40 | |
| nvc - operating materials po117/10 inv4178 | 32.30 | |
| nvc - operating materials po118/10 inv4179 | 42.80 | |
| nvc - operating materials po121/10 inv4180 | 25.35 | |
| nvc - operating materials po121/10 inv4181 | 21.40 | |
| nvc - operating materials po123/10 inv4182 | 73.30 | |
| nvc - operating materials po125/10 inv4183 | 42.80 | |
| nvc - operating materials po130/10 inv4184 | 59.60 | |
| nvc - operating materials po132/10 inv4185 | 103.58 | |
| nvc - operating materials po135/10 inv4186 | 7.45 | |
| nvc - operating materials po97/10 inv4169 | 42.24 | |
| panta - relocation of pv system to new premises inv 54417 | 836.00 | |
| philip agius - paving near football ground bill5112010 7224.95-mf | 6931.25 | |
| pierre farrugia - mineral water 6pks large, 10pks sm inv98 | 38.50 | |
| police - service wine fest inv32145 | 76.55 | |
| raymond attard - ss nov10 inv2563 | 3538.25 | |
| regatta bar - outing 16/11/10 | 292.50 | |
| rita psaila - expenses icw outing 16/11/10 | 36.00 | |
| salaries nov10 | 4395.19 | |
| secom - servicing door electric lock inv5323 | 25.66 | |
| secom - telephone network in mayor's office inv5324 | 64.15 | |
| shareit - universal digital converter inv354835205 to pay nikol | 59.00 | |
| smart - detergents inv13018488 | 37.20 | |
| smart - stationery inv13018595 | 73.93 | |
| smart - stationery white board/accessories inv13018516 | 268.49 | |
| vodafone - 99491670 oct10 | 87.78 | |
| vodafone - 99762218 oct10 | 92.70 | |
| xuereb - bulky refuse oct10 109 calls x4.5-mf inv75 | 470.56 | |
| xuereb - waste collection 26/9/10-25/10/10 inv76 | 5711.41 | |
| xuereb bros - bulky nov10 127callsx4.5 inv77 | 548.27 | |
| xuereb bros - waste collection 26/10/10-25/11/10 inv78 | 5711.41 | |